Ħarġa numru 7: April, 2013



# il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

Ftit tal-jiem ilu kelli mill-ġdid l-opportunità li nqatta' ftit jiem barra minn Malta. Bħalma jiġri bosta drabi ssib ruħek f'lukanda flimkien ma' bosta persuni oħra ġejjin minn pajjiżi differenti tad-dinja, inklużi Maltin. Ikun hemm dak il-ftit ħin ħieles meta tkun tista' tinżel fis-salott tal-lukanda, fejn ikun hemm għadd sabiħ ta' pultruni komdi. X'imkien fil-qrib kważi dejjem ikun hemm librerija jew xkaffa ċkejkna fejn issib kotba li jkunu ħallew warajhom it-turisti li jkunu ffrekwentaw għal xi jiem post bħal dan.

Jiena l-għaxqa tiegħi nsib il-ħin biex inqalleb f'librerija jew xkaffa bħal din u nara xi jkun hemm disponibbli. Ikun hemm kotba b'ilsna differenti—fosthom l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, u ġieli anki t-Taljan u l-Ispanjol—, bosta minnhom rumanzi li jirrakkontaw ġrajjiet mistħajla, xi wħud anki bijografiji ta' nies differenti. Ngħid bejni u bejn ruħi kemm nixtieq kont nifhem dawn l-ilsna kollha ħalli nkun nista' naqra l-kotba bl-ilsien oriġinali. Ngħid ukoll kemm kienu ġenerużi dawk it-turisti li ladarba qraw il-ktieb li jkunu xi darba jew oħra xtraw ħallewh f'dik it-taqsima apposta biex ikun jista' jitgawda minn qarrejja oħra. Ġieli nistaqsi saħansitra min jaf xi storja għandu warajh kull ktieb li jkun f'taqsima bħal din? Fis-sens li min jaf minn kemm-il id ikun għadda, kemm nies ikunu qrawh, u jekk kienx f'libreriji ta' lukandi oħra qabel?

Darba minnhom sibt ktieb b'nota mwaħħla fuq il-qoxra ta' ġewwa tiegħu li kienet tgħid li l-qarrej jista' jieħdu biex jaqrah, imma ladarba jlesti minnu jerġa' jqiegħdu fuq xkaffa ta' lukanda oħra ħalli l-katina ta' qarrejja ma' tinqatax. Kien hawn meta lili ġietni l-idea li nibda nħalli fil-lukandi li nżur kopji tal-kotba tiegħi stess. Minn dawn għandi ktieb multilingwali, ieħor bl-Ingliż, u ieħor bit-Taljan. Dawn żgur ikunu jistgħu jinqraw minn dawk li jifhmu dawn l-ilsna. Imma ħsibt ukoll dan: għaliex ma nħallix kopja tal-kotba tiegħi miktubin bl-ilsien Malti? Forsi jiġu f'idejn vjaġġjaturi u turisti Maltin stess. Forsi jkun hemm turisti li għalkemm ma jifhmux l-ilsien Malti xorta waħda jkunu kurjużi jaraw kif jinkiteb u jekk hemmx kliem komuni mal-ilsien tagħhom. Hekk anki l-ktieb Malti jkun fuq l-ixkaffi tas-salotti tal-lukandi barranin, flimkien ma' kotba oħra.

Tidħqux bija. Il-ktieb jinkiteb biex jingħata wkoll bħala rigal u mhux biss biex jinbiegħ u jrebbaħ il-premjijiet. Il-ktieb hawn jinftiehem ukoll bħala għelm ta' mħabba u rispett lejn persuni oħrajn, anki lejn dawk li qatt m'aħna se niltaqgħu magħhom.

sammutpatrickj@gmail.com

# L-AĦBARIJIET

**IĊĊELEBRAT IL-JUM DINJI TAL-KTIEB**

Nhar il-Ħamis, 7 ta' Marzu 2013, ġie ċċelebrat il-Jum Dinji tal-Ktieb. Huwa jum li fih jiġu ċċelebrati kittieba, illustraturi, kotba u fuq kollox, jiġi ċċelebrat il-qari. Hija festa mfakkra wkoll mill-UNESCO bħala okkażjoni dinjija li tiffesteġġja l-ktieb u l-qari f'iktar minn 100 pajjiż fid-dinja. Għal din l-okkażjoni numru ta' ħwienet tal-kotba lokali offrew skonti fuq għadd sabiħ ta' kotba minn tagħhom.

**IMFAKKAR FR. PETER SERRACINO INGLOTT**

Fit-13 ta' Marzu, fis-6.30 p.m., il-Casinò Maltese, fil-Belt, ittellgħet lejla li matulha ġie mfakkar għeluq is-sena mill-mewt tar-Reverendu Professor Peter Serracino Inglott. Għall-okkażjoni l-lettur Mark Debono qara diskors bit-titlu "Ħu l-fama u mur orqod!"




**IPPREMJATI R-REBBIEĦA TAL-KONKORS TAL-POEŻIJA GĦAT-TFAL 2012**

Nhar il-Ħamis, 21 ta' Marzu, ittellgħet il-Lejla ta' Premjazzjoni tal-Konkors tal-Poeżija għat-Tfal 2012. Din hija inizzjattiva mtellgħa kull sena mill-Għaqda Poeti Maltin. Din id-darba l-kompetizzjoni kienet miftuħa għall-istudenti bejn id-disa' u l-ħdax-il sena. Ipparteċipaw 216 student u studenta minn 27 skola differenti, 6 minn Għawdex u 21 minn Malta. Għal din is-serata li tmexxiet mill-president tal-Għ.P.M., Charles Magro, attendew numru sabiħ ta' studenti flimkien mal-ġenituri tagħhom. Il-ġurija kienet iffurmata mis-Sinjuri Mario Attard u George Falzon, flimkien mas-Sinjura Therese Pace. Fost ir-rebbieħa kien hemm Nathaniel Debono u George Vella li ħadu l-ewwel post, Gabriel Vella li ħa t-tieni premju, u Neil Vella li ħa t-tielet premju.



**Ir-rebbieħa tal-Konkors tal-Poeżija għat-Tfal 2012, flimkien ma' membri tal-ġurija u tal-kumitat tal-Għ.P.M.**

**IMFAKKRA L-MITT SENA MIT-TWELID TA' KARMENU VASSALLO**

Nhar il-21 ta' Marzu ttellgħet il-lejla "Marzu ta' Qalbi" mill-Għaqda tal-Malti (Università). Dan biex jitfakkar għeluq il-mitt sena mit-twelid tal-poeta Karmenu Vassallo. Għal din l-okkażjoni ppparteċipaw Marcel Zammit-Marmarà, l-awtur tal-ktieb *Il-Ħajja ta' Karmenu Vassallo*, il-Mro. Dominic Galea, Doreen Galea, u Oliver Vassallo, iben Karmenu Vassallo. Il-kelliem speċjali tas-serata kien il-Prof. Oliver Friggieri. L-okkażjoni seħħet f'Dar l-Ewropa, fil-Belt Valletta.

**MURI FILM ISPIRAT MINN POEŻIJA MAGĦRUFA**

Nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu, l-Għaqda tal-Malti (Univeristà) organizzat lejla li fiha ntwera l-film "Kont Diġà", ispirat mill-poeżija "Delimara," ta' Daniel Massa.

# L-AĦBARIJIET

**JIFAKKAR PATRI ANASTASJU CUSCHIERI**

Nhar l-Erbgħa, 3 ta' April, ittellgħet serata bl-isem ta' "Anastasju Cuschieri—Filosfu jew Poeta?", fil-Luciano Restaurant, il-Belt. Il-kelliem kien Charlò Camilleri.

**IMUT POETA NIĠERJAN**

Nhar il-21 ta' Marzu li għadda miet il-poeta Niġerjan Chinua Achebe, ta' 82 sena. Huwa twieled fl-1930 fil-belt ta' Ogidi, imma miet fl-Istati Uniti, f'Boston. Bosta jqisuh bħala "Missier il-Letteratura Afrikana". Ir-rumanz qasir tiegħu *Things Fall Apart* li ħareġ fl-1958 huwa meqjus bħala xogħol ewlieni tal-letteratura Afrikana moderna. Dan biegħ iktar minn 8 miljun kopja u ġie maqlub f'aktar minn 50 lingwa. Achebe ikkritika bl-aħrax il-mod kif il-letteratura tal-Punent ħarset lejn l-Afrika, speċjalment ir-rumanz *Heart of Darkness* ta' Joseph Conrad. Xogħlijiet oħra ta' Achebe huma *No Longer at Ease* (1960), *Arrow of God* (1964), *A Man of the People* (1966) u *Anthillis of the Savannah* (1987).

**QARI TA' POEŻIJI FIL-BELT**

Għat-tielet u r-raba' darba l-Għaqda Poeti Maltin iltaqgħet il-Belt Valletta l-ewwel Sibtijiet ta' Marzu u April fejn il-membri tagħha u persuni oħra interessati qraw poeżiji varji f'ambjent informali. Din id-darba l-okkażjoni seħħet fid-Dar tal-Emigrant, qrib id-daħla tal-ġnien tal-Barrakka ta' Fuq. Għal min hu interessat dawn il-laqgħat qed isiru l-ewwel Sibt tax-xahar bejn l-10 u l-12pm.

**ĦARĠA ĠDIDA TAR-RIVISTA *VERSI***

L-Għaqda Poeti Maltin ħarġet it-tieni għadd tar-rivista *VERSI* għas-sena 2013. Din id-darba wieħed jista' jaqra dwar il-50 sena mill-mewt tal-poeta Rużar Briffa u l-40 sena mill-mewt tal-kittieb u poeta Giovanni Curmi. Bħas-soltu hemm poeżiji b'ilsna differenti, miktubin kemm minn poeti lokali u anki barranin, u studji li jservu ta' għajnuna għal min qed jipprepara għall-eżamijiet tal-Malti fil-livell SEC, Intermedju u Avvanzat. Għalhekk wieħed isib esejs dwar il-ballata *Katrin tal-Imdina* ta' Dwardu Fenech, it-tema "Ġrajjiet u Identità" f'rabta mal-ktieb *Qawsalla,* u t-tema "Relazzjonijiet Umani" f'rabta mal-ktieb *Il-Poeżija Maltija*. Huma inklużi wkoll paġna dwar il-poeta Marċell Mizzi li ħalliena ftit ilu, u paġna dwar il-poetessa Taljana Clelia Esposito. Hemm ukoll il-paġni ddedikati lill-kritika letterarja, aħbarijiet mid-dinja tal-poeżija u reċensjonijiet dwar kotba tal-poeżija. Min ikun irid jakkwista kopja ta' VERSI jista' jikteb fl-indirizz elettroniku ghaqdapoetimaltin@hotmail.com


Għaqda Poeti Maltin
ħarġa 2013/2

versi

rużar BRIFFA

50 sena mill-mewt tal-poeta

minn alfred MASSA

Bosta huma dawk li jħarsu lejn it-tabib Rużar Briffa bħala wieħed mill-akbar poeti ta' pajjiżna. Dan għax għalkemm Briffa ma kitebx kwatità ta' poeżiji, imma dak li kiteb għandu tabilħaqq valur poetiku. Dun Karm innifsu faħħar lil Rużar billi ddedikalu l-poeżija *Poeta*.

Rużar Briffa twieled il-Belt Valletta fis-16 ta' Jannar 1906 u miet fit-22 ta' Frar 1963 bil-marda qerrieda tal-kanċer. Lapida kommemorattiva twaħħlet fil-Barrakka ta' Fuq fl-1972; dan huwa l-post fejn il-poeta kiteb diversi poeżiji, saħansitra l-aħħar waħda fuq borża tal-karti.

It-tabib Briffa baqa' magħruf ukoll għax flimkien ma' ħabibu t-tabib Ġużè Bonnici waqqfu l-*Għaqda tal-Malti (Univ.)* li b'xorti tajba wara żmien kważi rieqda għal kollox dan l-aħħar reġgħet qamet u ssuktat taħdem mill-ġdid b'riżq ilsienna u l-letteratura tagħna.

Il-poeżija ta' Briffa hija poeżija ta' mħabba, ta' sensittività u ta' ħlewwa liema bħalha. Donnu li aktar mal-ħajja kienet kiefra miegħu, aktar qanqlet fih sens ta' mogħdrija lejn dawk ta' madwaru. Ħabib kbir tiegħu u li ħadem flimkien ma' Briffa għal xi snin fl-isptar Ċentrali, il-Furjana - qed nirreferi għal Patri Mattew Sultana Kapp. - jistqarr kemm Briffa kien verament bniedem b'sentimenti nobbli u bi mħabba kbira lejn Alla, in-natura u ħutu l-bnedmin speċjalmenjt dawk l-aktar dgħajfin.

Rużar Briffa ilu 50 sena mejjet iżda l-ħlewwa ta' vrusu għadhom jidwu madwarna. Mhux ta' b'xejn ingħata t-timbru ta' **Il-Poeta taż-Żgħorija** u **Il-Poeta tas-Sbuħija**.

rużar BRIFFA

versi 1

**JOĦROĠ IL-FOLJU T'AĦBARIJIET TAL-GRUPP LETTERATURA MALTIJA**

Għadu kemm ħareġ il-FOLJU T'AĦBARIJIET nu. 203 mill-Maltese *Literature Group Inc.*/Grupp Letteratura Maltija Ink. li tiegħu hu editur Paul Vella. Dan il-folju jwassal bosta aħbarijiet interessanti f'rabta mal-kittieba Maltin fl-Awstralja. Għal kull min jixtieq jibda jirċevih jista' jibgħat direttament lill-editur permezz tal-indirizz elettroniku: paul.vella44@gmail.com

# L-INTERVISTA Mario Griscti



**Mario Griscti twieled il-Belt Valletta fl-1967. Il-versi tiegħu jidhru regolarment f'antoloġiji poetiċi, rivisti u ġurnali lokali. Jistqarr li l-versi tiegħu jitwieldu mill-esperjenzi li jġarrab, min dak li joħlom u minn dak li jixtieq. B'saħħitha ħafna fil-poeżiji tiegħu hija t-tema soċjo-politika.**

**1. Naf li inti ktibt numru kbir ta'poeżiji dwar suġġetti differenti. Meta u minn meta bdiet din in-namra mal-poeżija? Liema huwa/huma l-iktar poeta/i għal qalbek u għaliex?**

Naħseb illi r-rabta bejn il-bniedem u l-poeżija titwieled miegħu u hekk inħoss li ġrali jien. Naf li jiena bniedem sensittiv ħafna u jolqotni kollox. Minn demgħa sal-akbar u l-aqwa biċċa xogħol artistika magħmula mill-bniedem li s'issa għadni ma nafx liema hi. Imbagħad ta' xi ħames snin bdejt inħarbex l-ewwel sentimenti fraġili tiegħi, probabbli ħżuż li juru mħabba lejn ommi u xi tiżżija ħajr lil missieri.

Poeti għal qalbi huma dawk li jesponu d-dwejjaq tal-imgħakksin bħal Pablo Neruda, Kenneth Rexroth, Lola Ridge u xellugin oħra. Għax dawn ma fittxewx ħajm, u batew u kitbu b'għaraqhom u demmhom u esponew sa ruħhom. Hemm ukoll Anna Akhmatova li wriet kemm mara taf iġġarrab u tirreżisti. Poeti Maltin ma nsemmihomx b'isimhom, imma jogħġbuni dawk kollha li kienu sehem mill-Moviment Qawmien Letterarju tas-Snin Sittin li xtaqu bidla siewja mingħajr ma immaltrattaw lill-kittieba klassiċi-romantiċi ta' qabilhom.

**2. Wieħed mis-suġġetti l-iktar għal qalbek huwa l-element politiko-soċjali. Kemm huwa minnu dan u kif joħroġ fil-versi tiegħek?**

Kollu minnu dan. Jiena ċittadin daqs ħaddieħor u jolqtuni l-politiċi u l-komportament tagħhom u ħidmiethom. Għandi wkoll il-fehma politika tiegħi. Imma niddimetti milli nirrispetta politiċi li jaħsbu li saru allat u jfittxu l-pedestalli biex jitilgħu fuqhom u jimpressjonaw. Għalhekk fil-versi tiegħi forsi jiddomina l-element irrabjat kontra dawn u favur dawk li qed jisfaw intortament vittmi tagħhom. Il-pinna ratba tinkiser, imma dik stallett tniffed fejn meħtieġ. Mingħajr ġustifikazzjoni letterarja ta' din il-"vjolenza", il-letteratura ssir biss simboli insensati fuq irħama kiesħa ta' qabar bajdan traskurat.

**3. Hemm min jemmen li l-poeżija hija prodott tal-imħabba taħt forma jew oħra. Però hemm bosta waqtiet fil-versi tiegħek fejn tiġi espressa ċerta rabja. Kif tirreaġixxi għal dan?**

Li tirrabja ma jfissirx li qed tirrinunzja l-imħabba. Nista' nirrabja biex inċaqlaq fejn meħtieġ, fejn weħel, fejn izzoppa, fejn staġna. Ir-rabja tiegħi, għax gejja minni u allura hija frott sinċier tal-emozzjoni tiegħi f'dak il-waqt, ma narahiex instigazzjoni għal xi forma jew oħra ta' mibegħeda. Aħjar milli noffri bukkett bil-ward fil-wiċċ u l-imsiemer taħt. Poeżija hija missjunarja tas-sinċerità emottiva u ma tistax teħel tgħanni fuq kemm hija gustuża n-niċċa tal-misraħ tar-raħal. Dak iż-żmien jidher li għadda - u l-iżvilupp nittama jkompli jirranka.

**4. Il-poeżija b'messaġġ li jinftiehem jew il-poeżija li ddoqq għall-widna b'messaġġ li ftit jinftiehem jew jinftiehem biss mill-ftit? Lil fejn ixxaqleb il-poeżija tiegħek? Għaliex?**

Ma nafx il-poezija tieghi ma' liema kategorija tista' titqiegħed u minix ser inkun jien li nqiegħdha x'imkien, f'xi niċċa kategorika minn dawn. Jiena l-ewwel ma nikteb is-sentiment tiegħi ta' dak il-waqt. Nittama li ninftiehem. L-għan tieghi jibqa' li nikkomunika dak is-sentiment u fejn nemmen li hemm nuqqas ta' ħaqq, issir il-bidla. Li hu żgur, li l-poeżija tiegħi tibqa' politika soċjali għax jiena ġarrabt u għadni nġarrab u ma nibżax nixtieq inbiddel, għat-tajjeb, u ntella' 'l fuq lil min għadu maħkum mill-arroganza u l-prepotenza ta' min jaħseb illi hu alla ta' kulħadd. Li nista' ngħid illi l-poeżija għandha tinftiehem, għax jekk ma tinftiehemx, x'għan jibqagħlha? U li tkun tal-widna, ma tkunx ħatja ta' xi dnub. Ħasra jekk tkun mifhuma mill-ftit, għax allura tkun sentiment minorattiv u allura jinbet il-periklu tad-distakk, patrizi-plebej.

# IR-RAKKONT Emmanuel Attard Cassar

**JUM L-ELEZZJONI**

**(mibnija fuq fatti li seħħew tassew)**

Nhar l-elezzjoni ta' sena minnhom kont assistent kummissjunarju elettorali f'kamra tal-votazzjoni fi skola ta' lokal popolat. Did-darba kont ċermen.

In-nies bdiet ġejja bil-mod il-mod. Imbagħad daħlet mara u qaltilna li ma tafx tikteb. Jien għidtilha biex tistenna ftit sakemm jivvutaw it-tnejn min-nies li kienu għadhom fil-kamra. X'ħin lestew u tefgħu il-vot fil-kaxxa għalaqna l-bieb u tlabna lill-mara tpoġġi bilqiegħda.

Dehret xi ftit inkwetata. Seta' kien, ħsibt jien, li fil-fatt hi kienet taf tikteb imma forsi beżgħet li n-numru wieħed ma tiktbux dritt jew inkella li toħroġ mill-kaxxa jew li l-erba' tiktbu ma jingħarafx mis-seba' u l-vot ma jkunx jgħodd.

X'ħin poġġiet bilqiegħda kellha ħamsa min-nies quddiemha: lili, tliet assistenti kummissjunarji jirrappreżentaw lit-tliet partiti politiċi u ieħor jirrappreżenta lil kandidat li ħareġ indipendenti għax, kif kien spjega, ma riedx joħroġ mal-korrotti.

Ħarset lejna u qaltilna li xtaqet tagħmel mistoqsija. Jien għidtilha li tista' u hi staqsiet: "Ir-raġel tiegħi ikun jaf lil min ivvutajt?" Kważi ħtafniha u għidnilha li da żgur li ma jkunx jaf. Suppost li kienet tafu dan daqs kemm-il darba avżaw fuq il-midja.

Staqsejtha lil min trid tivvota u qaltilna lil Borg tal-Partit tal-Mitħna. Warajh lil Zammit tal-istess partit. Imbagħad lill-oħrajn basta tal-Mitħna biss. Ktibt in-numri kif xtaqet quddiem l-għajnejn attenti tal-assistenti kummissjunarji l-oħra. Wara dan insistejt li trid tkun hi li tgħidli kif se nkompli u qalti: "Mela komplihom minn fuq għal isfel". U hekk għamilt. Twejt il-vot u tajtu lill-mara biex titfgħu fil-kaxxa.

Ftaħna l-bieb u minnufiħ daħal raġel u dan ukoll qalilna li ma jafx jikteb. Kellna nerġgħu nagħlqu l-bieb u nirrepetu l-proċedura. Lir-raġel li kellu l-istess kunjom bħall-mara ta' qablu tlabnieh jgħidilna lil min ried jivvota. Dan pront wieġeb: "Lill-istess partit tal-mara tiegħi, dik li għadha kif ħarġet." Naturalment kelli ngħidlu li hu jrid isemmi partit u ma jistax jesprimi ruħu b'dak il-mod. Deher rassenjat u qalilna: "L-ewwel lil Camilleri tal-partit tar-Raddiena, imbagħad lill-avukat Pace." Kompla u wieħed wara l-ieħor semma' lill-kandidati kollha tal-partit tar-Raddiena.

Meta ħareġ sibna li kienu nġemgħu xi ftit tan-nies iżda dawn malajr ivvutaw għaliex kollha kemm huma kienu jafu jiktbu. Il-proċess tal-votazzjoni hu wieħed xi ftit kumpless. In-naħa ta' wara ta' kull vot trid tiġi ittimbrata minn kull assistent kummissjunarju li jirrappreżenta lil xi partit. Fuq it-timbru jrid ikun hemm il-firma tal-assistent jew assistenta kummissjunarja tal-istess partit. Dwar il-voti nfushom, dawk imħassra jridu jitqiegħdu għalihom u fl-aħħar tal-votazzjoni t-total tal-voti mitfugħa ma' dawk tal-voti mhux użati u ma' dawk imħassra jrid jaqbel perfettament man-numru tal-voti li tkun ingħatajt eżatt qabel ma jkunu nfetħu l-bibien tal-post tal-votazzjoni. Jekk le… il-Bambin biss jaf f'liema nkwiet tiġi.



# IR-RAKKONT kont...

Intant barra kultant bdejna nisimgħu xi għajjat. Dan isir meta per eżempju jasal xi membru importanti ta' xi partit mill-kbar u xi partitarji jinfexxu jċapċpu. Jew inkella xi ħadd li jkun fil-kju mal-ħajt tal-iskola taqbiżlu ċ-ċinga u jibda jgħajjat biex minn hemm ġewwa jħaffef daqsxejn. Iżda, barra xi għajta 'l hawn u 'l hemm il-votazzjoni mxiet b'mod sodisfaċenti.

Kmieni wara nofsinhar smajna ftit taċ-ċaqlieq barra l-bieb u l-pulizija li kien għassa beda jħoll il-firrolli biex jiftaħ il-bieba l-magħluqa tal-kamra. Erbat irġiel daħlu jerfgħu mara minduda fuq streċer. Ħdejhom żewġha kollu eċitat kien qed jgħid lil kulħadd biex joqogħdu attenti u ma jċaqalquhiex ħafna u ma jolqtuhiex għax ftit jiem biss qabel kienet għamlet operazzjoni f'darha.

Il-mara ddaħlet fil-kamra. Jien stennejt liż-żewġ persuni li kienu qed jivvutaw biex jitfgħu il-vot tagħhom u sadattant spjegajt lill-irġiel li sabiex il-mara tivvota trid tkun weħidha u huma jridu jistennew barra. L-erba' rġiel niżżlu lill-mara mal-art u żewġha deher mifxul għall-aħħar imma kollha ħarġu mill-kamra mingħajr diskors. Jien inżilt għarkubtejja ħdejn il-mara u staqsejtha lil min riedet tivvota. Semmietli lill-avukat Pace b'leħen fraġli u qaltli biex inkompli fuq il-partit tar-Raddiena. Jien ħaffift u wara Pace vvutajt għall-oħrajn kollha tar-Raddiena. Urejt il-vot lill-assistenti kummissjunarji kollha u lkoll qbilna bil-ħars tagħna li m'għandniex għalfejn naħlu ħin.

Għadda l-ħin u fl-intervalli meta ma kellna lil ħadd stajna nieklu xi biċċa ħobż u nixorbu dak li ġibna magħna mid-dar. Kien hemm diversi oħrajn li talbuna nimlew il-vot tagħhom. Fosthom kien hemm raġel anzjan ħafna. Mara li kienet miegħu wasslitu sal-bieb u f'widnejh bdiet tirrepetilu isem ta' kandidat. Kulħadd semagħha tirrepeti, tirrepeti u tirrepeti dan l-isem.

"Dan ma jafx jikteb", qaltilna, u baqgħet fil-bieb sakemm għalaqnieh. L-anzjan qagħad bilqiegħda u jien staqsejtu lil min irid jivvota. Baqa' xi minuta u nofs iħares ċass lejna. Imbagħad lissen żewġ vokali mill-isem li konna diġà nafu, li biex tgħaxxaqha kellu żewġ kunjomijiet. Ktibt in-numru wieħed u komplejt minn fuq għal isfel fost l–approvazzjoni tal-assistenta kummissjonarja tal-partit konċernat. Twejt il-vot u għintu jitfgħu fil-kaxxa. Bil-mod il-mod għadda l-ħin twil tal-elezzjoni.

L-għada meta qomt wara dik il-ġurnata twila sirt naf mit-televiżjoni li kienu vvutaw 97 fil-mija tal-votanti eliġibbli. Ma skantajtx. Darba, kif nismagħhom jgħidu, kienu vvutaw anki l-mejtin.

www.emmanuelattardcassar.me



# IL-POEŻIJI

**GĦAJNEJN L-ISKUR**

iħarsu lejja imħabba/mibegħda,
għajnejn xkora vojta oħra skura
mimduda saqajha miftuħa.

bħar-ruħ tal-kantuniera,
bl-istrixxa drapp tgħattilha l-ġenitali,
li nies it-tempju jgħajjruha "qaħba".

għax imneħirhom ma jlaħħaqx taħt għabthom….

għajnejn ir-raġel skur baqgħu isegwu,
kull pass viċin li nagħti, kull pass mherri….

għajnejn l-iskur m'għadhomx il-biża'  tiegħi,
għax drajt nibdel il-ħarsa ma' dik tiegħu.

**MARIO GRISCTI**

**GĦADDIENI**

F'dar-raħal minsi
il-paċi
tħannet lubiena
koala
fi ħdan fergħa tal-gomma.
Ultremar
orizontali
it-triq ewlenija;
vertikali
triq safra kanarin
taqbad magħha;
erbat idjar bojod
bis-saqaf żmerald,
erbgħa biss
tal-pupi;
waranett
l-għoljiet turkważi
imqassma dniefel tat-turkina;
aħdar kadmju l-għelieqi
u merħla ngħaġ krema
tgerrem
tgerrem
dalwaqt tikkonsma
dar-raħal ħlejju…
ejja tpaxxa
għax jilħaq jittiekel
sa ma l-fanal
b'dawlu jidheb bl-oranġjo
l-id li qed iddendlu
mis-sema
tikfsu w twarrbu.

**MANWEL CASSAR**
L-Awstralja

**IX-XEBBA**

Ħarsu lejha l-irġiel
u ġmielha ammiraw
b'ilsienhom, b'għemilhom
min jaf kemm żbaljaw

U qalu x'xorti għandu r-raġel
li tagħha se jkun għarus
żgur gustuż ħafna
jew mimli  flus

Iżda l-ammirazzjoni lejha ntilfet
U belgħu kliemhom lura
Hekk kif raw lil dix-xebba
Ma' ġuvni b'ġilda skura

**KEVIN TANTI**

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***VACANZE ROMANE—2012—PROSA E POESIA* ta' Emmanuel Attard Cassar, 2013.**

Il-letteratura Maltija mhix biss miktuba bl-ilsien Malti, imma anki b'ilsna oħra. Fost dawn l-aktar imħaddma huma l-Ingliż u t-Taljan. Matul vaganza f'Ruma f'Awwissu tal-2012, l-awtur jiskopri s-sbuħija ta' din il-belt kbira. Matul din il-btala ibnu, Jack, kien qed iqatta' ġimagħtejn fil-Vatikan bħala abbati. Kien żmien il-*ferragosto* Taljan, meta Ruma tfur bix-xemx, bil-kultura u bl-isbuħija. Emmanuel Attard Cassar jesprimi din l-esperjenza intensa tiegħu f'għamla ta' proża u ta' poeżija miġburin fi ktejjeb attraenti. It-Taljan li jħaddem huwa wieħed sabiħ fis-sempliċità tiegħu, u jaħkem fuq kollox ton ta' umiltà li tixbah ħafna lil dik Franġiskana. Attard Cassar jikteb poeżiji u rakkonti qosra.




***ID-DAR TAL-QATTUS BIR-RAKKETTA F'IDU* ta' Honoré de Balzac. Tradott għall-Malti minn Paul Zahra, Kollezzjoni Traduzzjonijiet Letterarji, 2013.**

Théodore de Sommervieux isir iħobb bi mħabba tal-ġenn lil Augustine Guillaume, bint in-negozjant tal-ħanut tad-drappijiet b'tabella li kienet turi Qattus bir-Rakketta f'idu. X'jagħmel Théodore biex jirbaħ qalb Augustine? X'jiġri fiż-żwieġ tagħhom? Għal dawn l-aħħar tmien snin Paul Zahra kien impjegat bħala traduttur mill-Kummissjoni Ewropea f'Malta, fil-Lussemburgu u fi Brussell. Fl-2012 l-edizzjoni Faraxa ppubblikatlu t-traduzzjoni tar-rumanz *Meaulnes it-Twil / Le Grand Meaulnes* ta' Alain-Fournier biex b'hekk daħal b'mod konkret fid-dimensjoni letterarja tat-traduzzjoni: xewqa li nibtet fit-tmeninijiet. *Id-Dar tal-Qattus bir-Rakketta f'idu / La maison du chat-qui-pelote* ta' Honoré de Balzac, hu t-tieni xogħol tiegħu tradott mill-Franċiż għall-Malti.

***TOMMY U S-SABIĦ TAL-QARI U RAKKONTI OĦRA GĦAT-TFAL* ta' Patrick Sammut, Faraxa Publishing, 2012.**




Hawn insibu għoxrin rakkont li jeħduna lura fid-dinja affaxxinanti u immaġinattiva tat-tfal. Dawn ir-rakkonti huma mmirati lejn tfal ta' bejn id-9 u l-11-il sena u huma ispirati mill-ħajja ta' kuljum u dak li jistgħu jesperjenzaw it-tfal li qed jgħixu t-tfulija tagħhom illum, li, minkejja l-aljenazzjonijiet li jipprovdilhom il-progress, xorta għadhom isibu ħin għall-qari, logħob u divertiment ieħor fosthom l-invenzjoni u l-ivvjaġġar. Sakemm it-tfal jibqgħu tfal, jibqgħu joħolmu u dawn ir-rakkonti għandhom mill-ħolm fertili li jixgħel l-immaġinazzjoni mitwielda bil-programmi televiżivi u l-karattri fittizji favoriti tagħhom. L-illustrazzjonijiet huma ta' Salvina Louise Aquilina.